# Tribunal Industrijali

## Decizjoni Numru: 2622

**Kaz Numru: 3327/15/AM**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Brian Camilleri**

**Vs**

**Vodafone Malta Limited**

**Nhar il-Gimgha 11 t'Ottubru, 2019**

**Chairperson: Dr. Anna Mallia LL.D., LL.M.(lond)., Dip.Tax (MIT)**

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Brian Camilleri li permezz taghha qed jitlob li dan it-Tribunal jiddeciedi li t-tkeccija tieghu mill-kumpanija ntimata kienet tkeccija ngusta u li jekk jinghata ragun jinghata dawk ir-rimedji kollha opportuni skond il-ligi.

## Fatti tal-kaz skond ir-rikorrent

Li huwa kien impjegat bhala Business Development Senior Executive fuq bazi full-time u kien ilu mas-socjeta' ntimata mit-18 ta' Jannar, 1999, u qabel kien jokkupa diversi karigi ohra; li l-impjeg tieghu gie terminat fuq bazi ta' redundancy b'effett mit-30 ta' Settembru, 2014; li ma jezistux l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex jiggustifika li l-post tieghu jigi maghmul redundant.

Fir-risposta taghha s-socjeta' ntimata eccepiet li hija mxiet skond id-drittijiet taghha meta tterminat l-impjeg tar-rikorrent minhabba 'redundancy'. Ir-rikorrent kien impjegat mas-socjeta' ntimata gewwa Ghawdex u n-natura tax-xoghol tieghu matul iz-zmien bhala Business Development saret limitata hafna peress li s-suq gie 'saturated' u ma kienx hemm lok li jkun hemm dedikazzjoni ta' rizors uman dedikat ghal dan. Ir-rikorrent kien jaghmel biss dan ix-xoghol u ghalhekk safa redundant.

Ra x-xhieda ta' John Montanaro Business and Retention Manger fis-socjeta' intimata (seduta 19.06.2015) li permezz taghha spjega kif ir-rikorrent kien jahdem bhala Business Account Executive u kien stazzjonat Ghawdex. Huwa kien jaghmel dak kollu li kien hemm bzonn retention, renewals u jekk klijenti kellhom problemi jkellmu lilu dirett, new lines u affarijiet ohra. Mentri fejn jahdem huwa cioe' Montanaro jiddilja ma' business clients.

Gara li s-socjeta' ntimata ddeciediet li taghlaq l-ufficcju taghha f'Ghawdex f'Gunju 2015 u f'Dicembru 2015 ir-rikorrent inghata avviz li l-kumpanija kienet ser taghlaq dan l-ufficcju. Camilleri kompla jahdem dak ix-xoghol mid-dar barra l-irwol ta' Account Executive li jkun external cioe' jmur ghand in-nies. Wara gie deciz li ma l-impjieg tieghu jigi terminat wara li ghamlu cost analysis u ddecidew li klijent li jkollu anqas minn mija u hamsin ewro (€150) spent dan ikollu telephone Account Executive u mhux dedicated Account Executive u jrid ikollu tlett mitt ewro (€300) spent biex ikollu dedicated Account Executive. Gara li f'Ghawdex kien baqa' biss wiehed u ghoxrin (21) accounts li jaqghu that il-parametri li jkollhom dedicated Account Executive u ghal din ir-raguni ma kienx aktar jaghmel sens li jzommu 'a dedicated Account Executive allocated to Ghawdex.'

In kontro-ezami huwa spjega li Senior Executives mall-kumpanija kienu erbgha bir-rikorrent, cioe' John Bartolo, Rita Fenech u Robert Cassar u li dawn ma jihhendiljawx account izda t-team tal-Accounts Executives li jirrapurtaw lis-Senior Executives. Post vakanti ta' Accounts Executive ma kienx hemm meta hadu d-decizjoni li jitterminaw l-impjieg tar-rikorrent u li xoghol ir-rikorrent kienu qed jaghmluh l-accounts executives. Wara giet impjegata persuna bhala accounts executive fi grad anqas mill-grad tar-rikorrent li taghmel accounts management gewwa Malta.

Huwa kkonferma li fiz-zmien meta kien jahdem ir-rikorrent kien hemm disa' (9) min-nies jaghmlu l-istess xoghol tar-rikorrent fuq accounts izda r-rikorrent biss kien assenjat Ghawdex u dawn taghhom kien ta' Fame jigifieri r-retention. Dawn kienu, Demaris Agius, Marouska Valletta, Mandy Briffa, Paul Scerri, Johann Bonnici, Kenneth Ciantar, James Schembri, u Maria Grech li kollha ghadhom mall-Vodafone.

Huwa kkonferma li f'nofs April, 2014, beda bhala Business Manager u kien iltaqa' mar-rikorrent biex jiddiskutu pjan ghal Ghawdex. Izda r-rikorrent ma kienx dejjem up to date jigifieri kien hemm xi skuzi l'hawn u l'hemm ghax ma setax jaghmilha din l-gimgha u l-gimgha l-ohra ghax kien busy pero' skeleton ta' pjan kien hemm u beda jipprova jimxi maghha. Huwa kkonferma li triq ohra ghajr redundancy ma kienx hemm.

Fis-seduta tas-16 t'Ottubru, 2015, Montanaro pprezenta l-organisational charts li gie mitlub jipprezenta fis-seduta precedenti u spjega tali charts.

Fis-seduta tat-28 t'Ottubru, 2016, xehed ir-rikorrent, li kkonferma d-dikjarazzjoni tal-kaz bil-gurament. Huwa spjega li ghamel ghaxar snin bhala Retail Representative u wara gie promos ghal Business Development Senior Executive f'Lulju 2008. Huwa kien jispicca jahdem fuq mejda L-Mc Donalds fejn l-kumpanija kellha l-ufficcju u kultant mid-dar. Wara fethu Business Office fid-Duke Complex Ghawdex. Kellu pressure mill-Manager tieghu Keith Psaila li kien jahdem il-Head office Malta dejjem fuq targets li l-kumpanija riedet tilhaq gewwa Ghawdex. Fil-performance appraisals tieghu qatt ma kien hemm problemi.  Gara li f'Lulju 2013 kellu problema f'qalbu u ha tmien gimghat sick leave wara li ghamel xi jiem l-isptar, ma ntbaghat hadd minfloku.

Permezz ta' email tat-3 ta' Mejju, 2017, rapprezentant ta' Jobsplus Diane Xuereb baghtet lista tal-impjegati tas-socjeta' ntimata - Dok XY.

Fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2017, ir-rikorrent kompla jixhed u pprezenta diversi dokumenti. Huwa xehed li wara li gie redundant sar refurbishment tal-hanut gewwa Ghawdex l-Arkadia u meta saqsa qalulu li l-grad ta' min jahdem hemm huwa aktar l-isfel milli kellu hu. Huwa kkonferma li John Bartolo, Robert Cassar ghadhom Business Executives ikunu xoghol Ghawdex. John Bartolo gie mpjegat warajh bhala Business Executive cioe' fl-istess kariga li kellu hu.

Huwa spicca fit-30 ta' Settembru, u dam sas-26 ta' Jannar biex sab xoghol iehor b'paga ferm anqas, l-ewwel mall-Maltapost b'paga ta' disa' mija u sitta u erbghin ewro (€946) fix-xahar, wara sab xoghol Ghawdex u fejn qieghed illum ilu ghal sentejn u jaqbad qrib elfejn ewro (€2000) fix-xahar.

Fis-seduta tas-27 t'April, 2018, xehed George Frank Farrugia mpjegat mas-socjeta' ntimata gewwa Ghawdex, u ilu f'dan l-impjieg ghal seba' snin bhal Senior Advisor. Ufficcjalment mall-vodafone beda fil-15 ta' Gunju, 2012, ghax qabel wiehed ried ikun impjegat ma' Apple Tree. Huwa beda bhala Retail and Customer Care Representative u xi tlett snin ilu gie promos ghal Senior Advisor. Huwa spjega li r-rikorrent kien jiehu hsieb il-business clients u huwa kien fuq consumer.  Huwa kien jirrispondi lis-superjur tieghu Mariella Grech, Retail Manager, u din kienet titkellem mar-rikorrent. Gieli kellem lir-rikorrent direttament. Damu fl-istess ufficcju xi sitt xhur u wara r-rikorrent mar f'ufficcju iehor tal-kumpanija gewwa Ghawdex stess gewwa Dukes.  L-ufficcju ta' Farrugia kien l-Arkadia.

Huwa spjega li l-procedura dejjem kienet li Mariella tirrapporta direttament Malta ghall-consumer u ghall-business jirrapportaw lill-Executives ta' Malta u l-Managers ta' Malta. F'Malta huwa semma lil Kevin Coppini bhala Executive u f'Ghawdex executive ma hemmx. Bhala retail huma jkellmu lil Joseph l-Manager taghhom tal-hanut u huwa jidderigihom lil min ikellmu. L-ahhar Executive li kien hemm kien ir-rikorrent.

Fl-istess seduta xehdet Gabriella Coppini li ilha mpjegata mas-socjeta' ntimata ghal sebgha u ghoxrin (27) sena u mistoqsija tispjega kif mir-records tal-ETC jirrizulta li bdiet l-impjieg taghha fis-sena 1998 hija insistiet li bdiet fis-sena 1990. Illum tokkupa l-kariga ta' Encorporate Enterprise Executive u topera minn Skyparks Malta. Ilha f'din l-pozizzjoni ta' Executive xi tmintax (18) il-sena. Hija kellha kuntatt mar-rikorrent fuq il-post tax-xoghol dwar klijenti. Meta spicca r-rikorrent u jkollha klijent Ghawdex llum tkellem lill-klijent dirett fejn qabel kienet tkellem lir-rikorrent. Illum jitilghu Ghawdex huma jekk ikun hemm issue ma' klijent f'Ghawdex. Huma qeghdin seba' (7) executives u kollha jmorru Ghawdex biex jaqbdu lill-klijenti bhala Corporated team, l-Enterprise Team. Dawn huma Stephanie Muscat, James Vidal, Alex Mifsud, Anatol Debono, Romina Buttigieg, u Melanie Cremona u hi.

Fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2019, l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi u trattaw il-kaz fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2019.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

**<u>Ikkunsidra</u>**

Li r-rikorrent beda l-impjieg tieghu mas-socjeta' ntimata fit-18 ta' Jannar, 1999, u baqa' tiela' sakemm lahaq Business Development Senior Executive b'effett mill-ewwel ta' Lulju, 2008. F'Lulju 2013 huwa sofra attakk tal-qalb u f'April 2014 John Montanaro gie mpjegat bhala Business Manager. Fit-30 ta' Settembru, 2014, l-impjieg tieghu gie terminat minhabba 'redundancy'.

Illi l-kuntratt tax-xoghol esebit mir-rikorrent stess cioe' dak ta' Retail Representative (Gozo) jghid car u tond li xogholu ser ikun ta' Retail Representative ghal Ghawdex izda li meta r-rikorrent ha l-promotion ta' Business Development Senior Executive mid-dokumenti esebiti Dok B u Dok C mar-rikors tar-rikorrent ebda wiehed minnhom ma jirreferi li l-impjieg tieghu baqa' limitat ghal Ghawdex jew li l-istess

kundizzjonijiet li kellu fil-kuntratt originali safejn japplikaw ghal din il-promotion baqghu japplikaw.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mas-socjeta' ntimata meta tghid li xogholu kien ta' Senior Business Development Executive Gozo stante li minn imkien ma jirrizulta dan.

Issa t-Tribunal ser jirrelata dwar jekk it-terminazzjoni kienetx wahda gusta.

Illi dan it-Tribunal jaghmel referenza ghall-Artiklu 2 tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li ma jaghtiex tifsira tal-kelma redundancy izda tifsira komprensiva tal-istess kelma tinsab fil-Ligi Ingliza li maghha l-Ligi Maltija ghandha hafna xebh.  Il-Ligi Ingliza taghti t-tifsira tal-kelma redundancy kif isegwi:

"Redundancy is considered to have taken place when:

a) The Employer ceases to carry on the business sin which the employee was engaged or closes down the place in which he/she was working.

b) The business ceases to require people with the particular skills of the employee or needs fewer of them to carry out the work.

c) The dismissal is for a reason not related to the individual concerned or for a number of reasons all of which are not so related.

Ma hemmx dubju l-ezercizzju li ghamlet il-kumpanija kien motivat mic-cirkustanzi tas-suq li eventwalment wassal biex isir ristrutturar bil-hiseb li jitnaqqsu l-ispejjez kif del resto ghandha dritt kull kumpanija li taghmel.

F'kaz ta' redundancy gustifikata it-temma tal-impieg ta' mpjegat effettwat hi regolata bil-provvedimenti tal-Artiklu 36(4) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u f'kaz fejn ix-xoghol ta' xi mpjegat effettwat jinghata lil terzi l-protezzjoni ghat-tkomplija tal-impieg tal-impjegat effetwat hi regolata bil-provvedimenti tal-Artiklu 38 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta kif spjegati aktar fid-dettal fl-artikolu 3 tal-Avviz Legali 433 tas-sena 2002.

Mill-atti la jirrizulta li l-post li kellu r-rikorrent kien limitat ghal Ghawdex kif lanqas jirrizulta li huwa rrifjuta li jahdem Malta jew li gie mitlub jahdem Malta u ghalhekk kif diga' gie spjegat hawn fuq dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mas-socjeta' ntimata meta tghid li r-rikorrent kien impjegat bhala Senior Business Development Executive Gozo u li xogholu baqa' li jizviluppa s-suq Ghawdxi meta ha din il-promotion tant li ma kien hemm xi jzomm lill-istess kumpanija li meta hija nfurmatu bil-promotion tinfurmah ukoll li dan huwa post ta' Senior Business Development Executive Gozo.

Illi ghalhekk ir-redundancy ma tirrizultax gustifikata.

Illi mil-lista ta' mpjegati esebiti jirrizulta car li l-kumpanija ma applikatx l-principju tal-last in first out.

**Decizjoni**

It-Tribunal wara li sema 'x-xhieda tal-partijiet, s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent saret ghal raguni mhux valida u ghalhekk jilqa' t-talbiet tar-rikorrent.

Dwar il-kumpens mill-atti jirrizulta li r-rikorrent fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2017, xehed li huwa mar jahdem mall-Maltapost u kellu gross pay ta' €946 u wara sena u tlett xhur mindu tkecca sab xoghol Ghawdex b'paga simili jew ahjar milli kellu mas-socjeta' ntimata.

L-appellant kien ilu mpjegat mall-kumpanija ntimata b'effett mill-ewwel ta' Lulju, 2008;

F'April 2014 John Montanaro gie mpjegat bhala Business Manager u kellu salarju ta' €20,978 oltre car cash allowance ta' €512.50c kull xahar (dok C) u All shares awards u zieda fl-gholi tal-hajja.

Fit-30 ta' Settembru, 2014, l-impjieg tieghu gie terminat minhabba 'redundancy'

Mill-1 t'April sat-30 t'April, 2015, huwa kien jahdem mall-Maltapost b'salarju gross ta' €946.970 fix-xahar;

Mill-4 ta' Mejju 2015 sal-31 ta' Mejju 2015 huwa beda jahdem mall-Gozo Express Services Limited b'salarju ta' €930.48c fix-xahar;

Mill-1 ta' Lulju, 2015, huwa beda jahdem ma' Ground Management Board b'salarju gross ta' €21,867 fis-sena (seduta 24 ta' Novembru, 2017).

Illum ir-rikorrent jghid li ghandu paga qrib €2000 fix-xahar (seduta 24 ta' Novembru, 2017.

Dan it-Tribunal wara li ha konjizzjoni ta' dan kollu u tad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti tal-Appell sede inferjuri per Imhallef Ellul fosthom Borg Carmel vs Malta Public Transport Services (Operations) Ltd deciza 8 ta' Marzu, 2019, u Publius Davison vs De La Rue Currency and Security Print Limited deciza minn l-istess fit-23 t'April, 2018, jiddeciedi li mehuda in konsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi kollha dan it-Tribunal qed jillikwida s-somma ta' €20,978 ekwivalenti ghal sena paga li

kellu r-rikorrent meta gie terminat l-impjieg tieghu in vista li huwa dam ghal aktar minn sena biex sab impjieg b'salarju simili ghal li kellu u l-hardship li ghadda minnu fosthom bil-commitments tal-loans li kellu u sakemm sab xoghol adegwat ghall-esperjenza u salarju li kellu.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni ta' xoghol.

(Iffirmat)
Dott. Anna Mallia
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**